# Id-Domma tal-Assunzjoni

Fl-1 ta' Novembru 1950, il-Papa Piju XII iddikjara bħala domma ta' fidi li: "Marija, Omm Alla, immakulata u dejjem verġni, wara t-tmiem tal-ħajja tagħha f'din id-dinja, itellgħet bil-ġisem u r-ruħ fil-glorja tas-sema".

Din id-definizzjoni nsibuha fil-Bolla *Munificentissimus Deus* tal-Papa Piju XII u ġiet imtennija fil-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja, *Lumen Gentium* f'paragrafu nru. 59 tal-Konċilju Vatikan II.

**Twemmin li nxtered mil-Lvant għall-Punent**

L-ewwel turija ta' fidi fl-Assunzjoni nsibuha fir-rakkonti apokrifi *Transitus Mariae*. Dawn huma rakkonti popolari li nkitbu fis-seklu 2 jew 3 W.K. li juri b'xi mod x'kien jemmen il-Poplu t'Alla.

Bdiet tikber ir-riflessjoni fuq is-sehem ta' Marija fil-fidwa u fuq il-premju tagħha fis-sema. Fil-Lvant daħlu l-festi tar-Raqda u tal-Assunzjoni ta' Marija.

Mis-seklu 14, dan it-twemmin inxtered ukoll fil-Punent u sas-seklu 20 kien wasal f'kull komunità Nisranija fid-dinja.

**Lejn id-Domma**

F'Mejju tal-1946, il-Papa Piju XII sejjaħ għall-konsultazzjoni tal-isqfijiet, tal-kleru u ta' dawk kollha li jemmnu dwar il-possibilità u l-opportunità li l-Assunzjoni tiġi definita bħala domma ta' fidi.

Minn 1,181 tweġiba, sitta biss urew xi diffikultajiet dwar il-karattru rivelat ta' din il-verità.

Il-Papa wasal għall-konklużjoni li l-Maġisteru Ordinarju wera kunsens u għalhekk kiteb li: "l-ġisem ta' Marija ġie meħud fis-sema hija verità rrivelata minn Alla u għalhekk ulied il-Knisja għandhom jemmnuha bis-sħiħ".

**It-Twemmin fl-Assunzjoni u Aħna**

Xi tfisser għalina din il-verità tal-fidi tagħna?



Tfisser li l-premju li rċeviet Marija nittamaw li naslu għalih aħna wkoll fl-aħħar taż-żminijiet. Nemmnu li l-ġisem tagħna ma jibqax fil-qabar, imma għad jiġi gglorifikat fis-sema bħala frott tar-rebħa ta' Ġesù fuq id-dnub u fuq il-mewt.

Kif jgħallimna l-Papa Ġwanni II (fil-Katekeżi tal-Udjenza tat-2 ta' Lulju tal-1997), għalina, il-qawmien tal-ġisem mill-imwiet isir fl-aħħar taż-żminijiet. Fil-każ ta' Marija, il-glorifikazzjoni ta' ġisimha sar minn qabel bi privileġġ speċjali.

L-Assunzjoni tfisser li aħna nemmnu li, bħal Marija, il-ġisem tagħna wkoll għad jidħol fis-sema fl-aħħar taż-żminijiet. Issa rridu nibqgħu ngħixu kif iridna Ġesù u bil-għajnuna tiegħu niksbu l-frott sħiħ tar-rebħa tas-Salib.

**Mary Grace Calleja**